**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**GHAWDEX**

**Onorevoli Mhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Mejju, 2021**

**Appell numru: 33/2012**

**Wara sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex)**
**bl-Avviz numru: 33/2012KM datata 2 ta' Ottubru, 2015**

**Uni-Que Catering Ltd (C-48641)**

**vs.**

**Island Farmhouses Ltd (C-25788)**

**Il-Qorti,**

1. Illi permezz ta' rikors tal-appell is-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited appellat mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) tat-2 ta' Ottubru, 2015 li permezz taghha rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€3443.70) kif

mitluba fl-avviz. Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz 'il quddiem. L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-kumpanija konvenuta.

2. Illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) wasal ghad-decizjoni tieghu kif isegwi:

'Ra t-talba mressqa mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta' konvenuta, tas-somma ta' tlett elef erba' mija tlieta u erbghin euro u sebghin centezmu ta' euro (€3443.70) u dan wara li ppremettiet hekk:

1. Illi s-socjeta' konvenuta kienet tikri hanut gewwa l-Imsida lis-socjeta' attrici;

2. Illi l-kirja giet mitmuma fil-31 ta' Awwissu, 2011;

3. Illi fi tmiem il-kirja s-socjeta' konvenuta kienet obbligata li thallas lis-socjeta' attrici s-segwenti somom: i. €1,400 – depozitu li kien thallas mis-socjeta' attrici fil-bidu tal-kirja; ii. €2,478 – spejjez ta' bibien ghall-fond mikri mhallsa mill-attrici ghan-nom tal-konvenuta; iii. €802.40 – spejjez ta' canopy mizmuma mill-konvenuta fi tmiem il-kirja u spejjez li saru ghalxejn minhabba agir tal-konvenuta; iv. €1,689.70 – spejjez ta' hood mizmuma mill-konvenuta fi tmiem il-kirja;

4. Illi dawn l-ammonti kellhom jigu pacuti kontra somma ta' €2,926.40 (liema somma tinkludi l-VAT) dovuti mill-attrici lill-konvenuta bhala kera ghax-xhur ta' Lulju u Awissu 2011.

5. Illi ghalhekk il-konvenuta hija debitrici ta' l-attrici fis-somma ta' €3,443.70 ghaliex is-somma ndikata f'3.iii giet mghotija lura mill-ARMS Ltd lill-attrici;

6. Illi ghalkemm interpellata thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti in vista tal-premess titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €3,443.70 flimkien ma' l-ispejjez u l-imghax skont il-ligi."

Ra' r-risposta tas-socjeta' konvenuta Island Farmhouses Limited imressqa fit-30 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha gie eccepiet hekk: "Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

1. In linea preliminari, l-intimata teccepixxi l-privilegium fori stante illi r-residenza ordinarja taghha hija Ghawdex, fejn hija wkoll debitament registrata

skont il-ligi. L-attrici ghandha pjena konoxxenza ta' dan stante illi harrket lill-intimata fl-indirizz registrat taghha f'Ghawdex;

2. In linea preliminari, l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Bord, stante illi fi kliem l-attrici stess, l-attrici unilateralment ghamlet tpacija ta' somma li skont l-attrici kienet dovuta lill-intimata. (a) Tpacija ma tistax issir unilateralment; (b) L-attrici agixxiet b'dan il-mod u invokat tpacija ghaliex diga' hemm kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla fl-ismijiet inversi sabiex l-attrici thallas lill-intimata d-dejn dovut minnha wara t-terminazzjoni tal-kirja bl-intenzjoni cara li tistultifika dik il-kawza stante illi l-proceduri quddiem it-Tribunal odjern probbabilment jiehdu anqas zmien minn dawk fil-Qrati Superjuri; (c) In kwantu l-ammont originali dikjarat li huwa dovut mill-attrici jezorbita l-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jiddikjara l-inkompetenza tieghu u jichad it-talbiet attrici;

3. It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi ma huwa dovut l-ebda ammont mill-intimata lill-attrici. Ghall-kuntrarju hija l-attrici li hija debitrici ta' l-intimata, u f'dan ir-rigward l-intimata diga hadet passi fil-Qrati Superjuri;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha".

Ra s-senteza ta' dan it-Tribunal kif diversament presedut tat-28 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu giet disposta l-ewwel eccezzjoni, fejn dan il-kaz intbaghat sabiex ikompli jinstema' fis- sede tat-tribunal gewwa Ghawdex.

Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet

Ra l-atti kolha, nkluzi dawk esebiti estratt minn l-atti processwali tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili numru 299/2011 fl-ismijiet John Vella pro et noe vs Uni-que Catering Limited.

Ra d-digriet ta' l-14 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi b'sentenza ta' dan it-Tribunal kif diversament presedut tat-28 ta' Gunju 2012, giet disposta l-ewwel eccezzjoni, fejn dan il-kaz intbaghat sabiex ikompli jinstema' fis-sede tat-Tribunal gewwa l-Gzira ta' Ghawdex.

Ili t-tieni eccezzjoni ukoll deskritta bhala preliminari hija dwar it-tpacija u l-mankanza ta' kompetenza. Din l-eccezzjoni ma hijiex f'lokha. Il-kumpanija attrici kellha kull dritt illi tghid illi xi parti mill-kreditu dovut lilha huwa pacut ma' xi somma li hija qed tammetti li ghandha taghti. Dak li ghamlet il-kumpanija attrici meta qalet illi parti minn dak dovut lilha ghandu jkun pacut ma' somma li ghandha taghti, ma huwa xejn ghajr ammissjoni ta' debitu, liema ammissjoni kuntrarjament ghal dak li tghid il-kumpanija konvenuta tista' ssir unilateralment. Jekk min-naha l-ohra l-parti l-ohra fit-tranzazzjoni f'dan il-kaz il-kumpanija konvenuta jidrilha illi ghandha tiehu aktar minn dak li effettivament gie ammess, ghandha kull dritt tiehu proceduri ghall-bilanc (kif fil-fatt sar fil-kaz odjern). L-eccezzjoni issemmi wkoll in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-tribunal stante illi l-ammont reklamat flimkien ma' l-ammont meqjus pacut jaqbzu l-kompetenza ratione valoris tat-tribunal. Din il-parti ta' l-eccezzjoni ukoll mhix gusta. L-ammont meqjus pacut ma huwiex in kontestatazzjoni. Huwa l-ammont ta' €3443.70, li jifforma l-litis contestatio. Indubbjament dan l-ammont jaqa' fil-parametri ta' kompetenza ta' dan it-tribunal fejn l-anqas hemm il-htiega jew it- talba li jigi nvestigat il-kuntratt intier. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Illi mill-bqija l-kumpanija konvenuta ma taghtix spjegazzjoni ghalfejn ma ghandhiex thallas l- ammont reklament hlief illi tghid illi hija kreditrici tal-kumpanija attrici u li dwar dan gia intavolat kawza separata. Fil-fatt l-atti ta' din il-kawza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili numru 299/2011 fl-ismijiet John Vella pro et noe vs Uni-que Catering Limited, gew a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal. Illum din il-kawza tinsab taht appell fuq istanza tal-kumpanija Island Farmhouses Limited. F'dan il-kaz fejn allura ma jirrizultax illi ghad hemm xi kreditu likwidat a favur tal-kumpanija Island Farmhouses Limited hija eskluza kwalsijasi tpacija (salv ghal dik il-parti ammessa prezenzjalment mill-kumpanija attrici).

Minn l-atti processwali jirrizulta illi t-talbiet attrici konsistenti:- f'€1,400 – depozitu li kien thallas mis-socjeta' attrici fil-bidu tal-kirja; ii. €2,478 – spejjez ta' bibien ghall-fond mikri mhallsa mill-attrici ghan-nom tal-konvenuta; iii. €802.40 – spejjez ta' canopy mizmuma mill-konvenuta fi tmiem il-kirja u spejjez li saru ghalxejn minhabba agir tal-konvenuta; iv. €1,689.70 – spejjez ta' hood mizmuma mill-konvenuta fi tmiem il-kirja jidhru gustifikati; Dan it-Tribunal jistrieh principalment, fuq l-iskrittura tas-17 ta' Marzu 2010, kif ukoll fuq id-deposizzjonijiet ta' George Borg, Dennis Gatt u Massimo Borg, li ma gewx kontradetti. Minn naha l-ora l-kumpanija konvenuta ma offriet l-ebda raguni li tista' tikkonvinci lil dan it-Tribunal ghalfejn l-ammont mitlub ma ghandux jithallas.

> Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€3443.70) kif mitlub fl-avviz. Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz 'il quddiem. L-ispejjes kollha jkunu a karigu tal-kumpanija konvenuta.'.

3. Illi l-appellanti socjeta' Island Farmhouses Limited appellat mid-decizjoni permezz ta' rikors ta' l-Appell nhar il-21 ta' Ottubru, 2015 fejn ressqet zewg aggravji u cioe':

(a) l-ewwel aggravju huwa relatat mad-diffikultajiet u l-konsegwenzi legali li nholqu minhabba li saru zewg proceduri dawk prezenti quddiem it-Tribunal, u dawk quddiem il-Prim'Awla, entrambi relatati mal-kirja tal-fond gewwa l-Imsida. Tissenjala partikolarment illi bid-decizjoni tat-Tribunal, hija giet ikkundannata trodd lura d-depozitu fl-ammont ta' €1,400 darbtejn, darba permezz ta' tpacija mill-Prim'Awla, u darba ohra permezz tas-sentenza mpunjata permezz ta' dan l-appell, u,

(b) it-tieni aggravju huwa relatat ma' apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal relatati ma' konteggi matematici, kif ukoll ma' spejjez relatati ma' canopy, hood u l-kwistjoni tal-bibien interni. Talbet ghalhekk illi din il-Qorti:

> '… tannulla, tirrexxindi u thassar is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) nhar it-2 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet *Uni-que Catering Ltd vs Island Farmhouses Ltd* (Avviz Numru 33/2012), u dan billi tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.'

4. L-appellata s-socjeta' Uni-Que Catering Limited ma resqet l-ebda risposta bil-miktub sabiex tilqa' ghall-appell.

5. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri – Ghawdex) kif diversament presjeduta nhar it-8 ta' Lulju, 2016 ghaddiet provvediment billi ordnat is-soprasessjoni tal-Appell sakemm jigi trattat u deciz b'mod finali mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) l-appell li sar mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Island Farmhouse Limited -vs- Uni-que Catering Limited (Rik Gur 899/11) u waslet ghal din id-decizjoni taghha kif isegwi:

*'Il-Qorti rat l-atti.*

1. *'Il fatti huma:*

*i. L-attrici kienet tikri hanut fl-Msida, minghand il-konvenuta.*
*ii. Fil-31 ta' Awissu 2011, il-kirja ntemmet.*
*iii. L-attrici tippretendi li l-konvenuta thallas:*
- *€1,400 - depozitu li kien thallas fil-bidu tal-kirja;*
- *€2,478 - spejjez li ghamlet l-attrici biex saru bibien fil-fond;*
- *€2,125.87 - spejjez li ghamlet l-attrici biex gie nstallat is-servizz tad-dawl u ilma fil-fond;*
- *€802.40 - spejjez ta' canopy li zammet il-konvenuta; €1,689.70 – spejjez ta' hood li ghamlet l-attrici u li nzammet mill-konvenuta;*

*iv. L-attrici ssostni li hi debitur tal-attrici fis-somma ta' €2926.40, kera ghax-xhur ta' Lulju u Awissu 2011. Ghalhekk l-attrici tippretendi li hi kreditur ghas-somma ta' €3,443.70.*
*v. Il-konvenuta u John Vella personalment ipproponew kawza fil-Prim'Awla fl-ismijiet **John Vella proprio et vs Uni-que Catering Limited** (899/11), li giet deciza fis-26 ta' Frar 2015. F'dik il-kawza sid il-kera talab il-hlas ta' €38,524.22 f'arretrati ta' kera, spejjez li saru fuq inkarigu tal-inkwilina, u konsum ta' elettriku u ilma. Il-qorti kkundannat lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' €7,201 li tirraprezenta arretrati ta' kera tal-fond. Mis-sentenza appellat Uni-que Catering Limited, u l-atturi pproponew appell incidentali. Sal-lum l-appell ghadu mhuwiex appuntat.*

2. *Fl-ewwel aggravju l-appellanti lmentat dwar id-diffikultajiet u l-konsegwenzi legali li nholqu minhabba z-zewg proceduri separati naxxenti minn litigju bejn il-partijiet dwar il-kirja tal-istabbiliment tal-catering gewwa l-Imsida. Dan partikolarment dwar il-kwistjoni ta' tpacija li ssollevat l-appellata u l-anomalija nholqot bis-sentenzi tal-Prim Awla u tat-Tribunal fir-rigward tar-rifuzjoni tad-depozitu ta' €1,400 li l-appellata hallset u li qeghdha tippretendi li jithallas lura.*

3. *It-tieni aggravju tas-socjeta' appellanti huwa dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal kemm ghal dawk li huma konteggi matematici kif ukoll ghall-kunsiderazzjonijiet li jolqtu l-ispejjez mitluba fl-Avviz tat-Talba ghall-canopy [paragrafu 3 (iii)] u l-hood [paragrafu 3 (iv)] u l-bibien interni.*

4. *Il-Qorti rat:*

i. *Is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Frar 2015*[1] ***Farmhouse Limited vs Uni-que Catering Limited*** *li permezz taghha laqghet uhud mit-talbiet tas-socjeta' hemm attrici. Din is-sentenza giet appellata minn Unique Catering Limited*[2] *u tressaq ukoll appell incidentali mis-socjeta' hemm attrici. Dan l-appell ghadu pendenti. Rat ukoll dawk il-provi minn dik il-kawza li gew prezentati bhala prova li tghodd ukoll ghall-atti tal-kawza odjerna;*

ii. *Il-verbal tat-Tribunal tas-26 ta' Settembru 2014*[3] *fejn is-smiegh tal-kaz gie differit sine die riappuntabbli fuq ordni tat-Tribunal jew fuq rikors minhabba li l-kwistjonijiet imqajma fil-kaz quddiemu u dawk quddiem il-Prim Awla Cit Nru 899/11 jistghu joffru kaz ta' litis pendentia;*

iii. *Ir-rikors tas-socjeta' Uni-Que Catering Limited tal-24 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu talbet lit-Tribunal jerga' jirriappunta s-smiegh tal-kaz stante li l-proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienu gew decizi u li ghalkemm sar appell minnhom, l-appell ma kienx jikkoncerna l-punti tal-kawza de quo;*

iv. *Id-digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Marzu 2015*[4] *li laqa' t-talba maghmula bl-imsemmi rikors;*

v. *Is-sottomissjonijiet ta' Uni-Que Catering Limited tal-20 ta' Mejju 2015 dwar jekk il-kawza ghandhiex titkompla jew tigi deciza mit-Tribunal minghajr ma tistenna l-ezitu tal-appell fil-kawza Rik Gur Nru 899/11 fl-ismijiet inversi*[5]*;*

vi. *Il-verbal tat-Tribunal tal-14 ta' Lulju 2015*[6] *fejn jinghad: "It-Tribunal josserva li l-provi f'din il-kawza huma migbura kollha u ma jarax illi hemm bzonn jissoprassjedi sa x'hin tigi deciza l-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi pendenti fl-appell stante li t-talbiet huma differenti u ma jiddependux minn xulxin u dan fid-dawl ukoll li talba ghal soprasessjoni ghandha tigi trattata u milqugha biss f'kazijiet eccezzjonali. Jordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza….."*;

vii. *Ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tas-socjeta' llum appellanti Island Farmhouses Limited li pprezentat fil-kawza Rik Gur Nru 899/11.*

5. *Illi l-kawza Nru 899/11*[7] *kienet ipprezentata qabel il-kawza in ezami*[8]*. L-istess jinghad ghas-sentenza moghtija u l-appelli ntavolati.*

---

[1] Cit Nru 899/11 JZM.

[2] Fol 299 et seq.

[3] Fol 274.

[4] Fol 276.

[5] Fol 306 et seq.

[6] Fol 309.

[7] 13 ta' Settembru 2011.

[8] 27 ta' Jannar 2012.

6. *Din il-Qorti jidhrilha li hemm lok ghal soprasessjoni peress li tqis li l-ezitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza 899/11 jimpingi direttament fuq uhud mill-aggravji tal-appellanti. F'dan ir-rigward:*

   i. *Ghandha aggravju dwar il-hlas ta' €1,400 li kienet irceviet minghand is-socjeta' appellata bhala depozitu fil-bidu tal-lokazzjoni. Skont klawsola 8 tal-kuntratt tas-17 ta' Marzu 2010*[9]*, sid il-kera kellu dritt izomm din is-somma sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat li jsiru fil-fond jew ghall-arretrati ta' kera. Sabiex din il-Qorti tindirizza dan l-aggravju, hemm bzonn li jigi determinat humiex dovuti arretrati ta' kera jew kwistjoni ta' hsarat fil-fond, li jkunu jfissru li Uni-Que Catering Ltd m'ghandhiex jedd li titlob ir-rifuzjoni. Quddiem il-Prim Awla fil-kawza numru 899/11, il-kwistjoni partikolarment dwar l-arretrati ta' kera huma parti mill-oggett tal-kawza. Fis-sentenza, il-Prim Awla wara li sabet li kien hemm arretrati ta' kera dovuti lis-socjeta' Island Farmhouses Limited, naqset mill-ammont dovut lil sid il-kera s-somma ta' €1,400 depozitu li kien diga' f'idejha. Ghalhekk fil-prezent hemm sentenza tat-Tribunal li kkundannat lil Island Farmhouses Limited biex tirrifondi d-depozitu, filwaqt li hemm sentenza tal-Prim'Awla li naqset is-somma ta' €1,400 mill-kera dovuta lill-istess kumpannija (ara pagna 16 tas-sentenza). M'hemmx dubju li din hi sitwazzjoni ta' inkompatibilita' bejn iz-zewg sentenzi. Dan apparti li fl-appell incidentali mis-sentenza tal-Prim'Awla, Island Farmhouses Limited issostni li mill-kera dovuta ma kellhiex titnaqqas is-somma ta' €1,400 ghaliex id-depozitu zammitu minhabba d-danni li l-appellata kkagunat fil-fond.*

   ii. *Appellat ukoll minn dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal li laqghet it-talba tal-appellata ghall-hlas tas-somma li thallset biex saru bibien fil-fond. Il-kwistjoni dwar min mill-partijiet kien responsabbli ghall-hlas tal-bibien interni hija wkoll meritu tal-kawza 899/11. Fis-sentenza, il-Prim Awla qalet li probabbilment il-bibien kellhom isiru minn Island Farmhouses Limited ghas-spejjez taghha. Fl-appell incidentali li l-appellanti pprezentat fil-kawza 899/11, qeghda ssostni li l-valur tax-xoghlijiet u spejjez li saru fil-fond, ghandhom ikunu a karigu tal-inkwilin (Uni-Que Catering Ltd). Ghal darb'ohra ghalhekk, l-ezitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kaz Rik. Gur. 899/11 dwar dan il-punt ghandha mpatt fuq l-aggravju mressaq minn Island Farmhouses Limited fl-appell odjern.*

   iii. *L-ezitu tal-appell fil-kaz Rik Gur 899/11 fuq dawn iz-zewg aggravji jimpingi wkoll fuq il-kwistjoni ta' tpacija. L-appellata ssostni li bhala arretrati ta' kera ghandha thallas is-somma ta' €2,926.40. It-Tribunal qabel ma' din it-tezi. Min-naha l-ohra l-Prim'Awla ddikjarat li l-kera li ghandha tithallas, wara li naqset is-somma ta' €1,400, hi fl-ammont ta' €7,210. L-appellata appellat minn din il-parti tas-sentenza (ara kopja tar-rikors tal-appell a fol. 299), u l-istess ghamlet l-appellanti fl-appell incidentali li pprezentat fil-kawza*

[9] Fol 47.

*899/11[10]. Ghalhekk ghadha pendenti l-kwistjoni dwar il-kera dovuta lill-appellanti. Ghalkemm m'hemmx dubju li dovuta kera, l-ammont ghad irid jigi determinat b'mod defenittiv fil-kawza 899/11. It-Tribunal qal: "Illum din il-kawza tinsab taht appell fuq istanza tal-kumpannija Island Farmhouses Limited. F'dan il-kaz fejn allura ma jirrizultax illi ghad hemm xi kreditu likwidat a favur tal-kumpannija Island Farmhouses Limited, hija eskluza kwalsiasi tpacija." Din il-qorti hi tal-fehma li bid-decizjoni li ta, it-Tribunal ikkonferma li l-kera dovuta lill-appellanti hi ta' €2,926.40. Dan meta din il-kwistjoni ghadha sub judice fil-kawza 899/11.*

7. *Fis-sentenza* ***Doris Catania u zewgha Charles ghal kull interess li jista' jkollu vs Evelyn Farrugia et tad-9 ta' Dicembru 2015***[11]*, inghad:*

   *"Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tinghata meta tali smigh fl-istess waqt ta' zewg kawzi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni ghar-regola ġenerali li kull kawża ghandha tinstema' sakemm tiġi maqtugha[12], trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[13]. Kemm hu hekk, inghad sahansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[14], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bhala tali, fis-sistema proċedurali taghna, mhijiex kontemplata ghaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens[15] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

   ……

   *Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[16];"*

8. *Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 7(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, li*

---

[10] L-appellanti ssostni li l-Prim'Awla, bi svista, ma nkludiet il-kera ghax-xahar ta' Settembru 2010.

[11] Rik Gur 490/14JRM.

[12] Art. 195(1) tal-Kap 12.

[13] App. Civ.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**).

[14] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.211**).

[15] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171** ) u P.A. Kost LSO **21.7.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et*** (*in parte*).

[16] P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Critien pro et*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591** ) u App. Ċiv. **6.10.1999** filkawża fl-ismijiet ***Grima et vs Frendo et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**).

*jipprovdi:*

*"It-Tribunal **ghandu** jissospendi l-procedimenti tieghu jekk -…..*

*(b) ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu."*

*Maghmula l-konsiderazzjonijiet hawn fuq, ghall-qorti m'hemmx dubju li l-ezitu tal-kawza **John Vella proprio et nomine vs Uni-que Catering Limited** (899/2011) jolqot il-meritu tat-talba tal-appellata f' din il-kawza.*

9. *Fic-cirkostanzi hemm lok ghal soprasessjoni sakemm il-kawza 899/11 tigi maqtugha defenittivament.*
***Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha tordna s-soprasessjoni tal-appell sakemm jigi trattat u deciz b'mod finali mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) l-appell li sar mis-sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza Island Farmhouse Limited vs Uni-que Catering Limited (Rik Gur 899/11), b'dana li l-appell ikun riappuntat fuq talba b'rikors ta' xi wahda mill-partijiet.***

***Fic-cirkostanzi m'ghandu jsir xejn min-naha tar-Registratur li jista' jwassal biex l-appell jigi dikjarat dezert, u dan peress li l-appell ghandu jistenna l-ezitu tal-kawza 899/11.***

***L-ispejjez huma rizervati ghas-sentenza finali.'***

6. Rat ir-rikors tas-socjeta' appellata Uni-que Catering Limited intavolat nhar it-22 ta' Jannar, 2021 fejn permezz tieghu nfurmat lil din il-Qorti li l-appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), minn sentenza tas-26 ta' Frar, 2015 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bir-rikors guramentat numru 899/11 fl-ismijiet John Vella pro et noe -vs- Uni-Que Catering Ltd gie deciz nhar it-23 ta' Novembru, 2020 u in ottemperanza mal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta tat-8 ta' Lulju, 2016 talbet li l-appell jerga' jigi riappuntat. Permezz ta' digriet tal-1 ta' Frar, 2021 l-appell gie riappuntat ghas-smiegh ghas-seduta tal-10 ta' Marzu, 2021.

7. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2021 u ddifferiet l-appell ghal-lum ghad-decizjoni.

8. Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjeta' appellata Uni-Que

Catering Limited lura fis-sena 2010 kienet kriet hanut gewwa l-Imsida minghand is-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited. Il-kaz jitratta talba ghall-hlas tas-somma ta' €3443.70 rapprezentanti (i) l-ammont ta' €1,400 depozitu li thallas u kellu jerga' jigi rimborsat ma' tmiem il-kirja, (ii) l-ammont ta' €2478 spejjez ta' bibien ghall-fond mikri mhallsa mis-socjeta' attrici, (iii) l-ammont ta' €2125.87 spejjez relatati mal-installazzjoni tad-dawl u ilma fil-fond mikri, (iv) l-ammont ta' €802.40 spejjez ta' canopy mizmuma mis-socjeta' appellanti, u (v) l-ammont ta' €1689.70 spejjez ta' hood mizmuma mis-socjeta' appellanti. Jinghad li l-ammont ta' €2926.40 rapprezentanti kera ta' Lulju u Awwissu 2011 kienu gew pacuti ma' parti mis-somma dovuta. Filwaqt li l-ammont indikat fil-punt numru (iii) kien inghata lura mill-ARMS Ltd.

Illi jinghad li da parte tas-socjeta' appellanti u John Vella fil-kwalita' personali tieghu kienu ntavolaw kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Vella pro et noe -vs- Uni-Que Catering Limited bir-rikors guramentat numru 899/11 fejn talbu l-hlas tas-somma ta' €38,524.22 rapprezentanti (i) arretrati ta' kera, (ii) spejjez li saru fuq inkarigu tal-inkwilina, u (iii) konsum ta' dawl u ilma. Il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Appell ricentement fit-23 ta' Novembru, 2020 fejn gie deciz li s-socjeta' intimata Uni-Que Catering Limited hija obbligata thallas l-ammont ta' elfejn disa' mija u hames ewro (€2,905) in linea ta' arretrati ta' kera bl-imghax kif indikat fl-istess decizjoni.

Illi l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kif diversament preseduta fit-8 ta' Lulju, 2016 iddekretat billi ordna s-soprasessjoni tal-appell odjern sakemm jigi trattat u deciz b'mod finali l-appell tal-kawza bir-rikors guramentat numru 899/11 stante li l-ezitu f'dak l-appell kien jimpingi fuq ir-rizultat ta' dan l-appell. L-appell imsemmi gie deciz nhar l-23 ta' Novembru, 2020.

**Ikkunsidrat:**

9. Illi jibda billi jinghad li ghalkemm il-partijiet fit-trattazzjoni tal-10 ta' Marzu, 2021 accennaw ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru, 2020 bir-rikors guramentat numru 899/11, l-ebda wahda mill-partijiet ma pprezentat kopja taghha fl-atti.

Ikkunsidrat li fit-trattazzjoni z-zewg partijiet ghamlu referenza ghad-decizjoni, fl-interess ta' entrambi l-partijiet u tal-Gustizzja, din il-Qorti ghaddiet sabiex hi stess tiehu konjizzjoni tad-decizjoni msemmija li hija pubblika u ser tghaddi sabiex tghati d-decizjoni odjerna fid-dawl tad-decizjoni tat-23 ta' Novembru, 2020.

**<u>10. L-Ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited:</u>**

Permezz ta' l-ewwel aggravju taghha s-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited tilmenta mid-diffikultajiet li nholqu minhabba li kwistjonijiet mqajjma quddiem it-Tribunal, kienu wkoll imqajjma quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bir-rikors guramentat numru 899/11 fl-ismijiet John Vella pro et noe -vs- Uni-Que Catering Limited. Referenza partikolari taghmel ghat-tpaccija, fejn il-Prim'Awla sabet li effettivament kien hemm arretrati ta' kera dovuti minn Uni-Que Catering Ltd lil Island Farmhouses Ltd u konsegwentement naqset l-ammont ta' €1,400 bi tpacija. Mill-banda l-ohra, it-Tribunal ordna lis-socjeta' appellanti Island Farmhouses Ltd sabiex tirrifondi lill-appellata Uni-Que Catering Ltd l-ammont ta' €1,400 rapprezentanti depozitu. Targumenta li rizultat ta' dan, is-socjeta' appellanti giet ikkundannata trodd lura d-depozitu darbtejn, darba permezz ta' tpacija u darba ohra permezz tas-sentenza tat-Tribunal.

Illi l-Qorti qrat kemm id-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Frar, 2015 (a fol. 281 *et seq* tal-process), kif ukoll dik tat-Tribunal tat-2 ta' Ottubru, 2015 (a fol. 312 *et seq* tal-process). Mad-daqqa t'ghajn din il-Qorti tinnota li s-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited kellha ragun tishaq li bil-mod kif saru l-affarijiet mit-Tribunal hija

kienet ha tbati l-ammont ta' €1,400 ghal darbtejn. Id-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet ipprezentata fl-atti mis-socjeta' appellata Uni-Que Catering Limited permezz ta' nota tas-17 ta' April, 2015 u ghalhekk it-Tribunal ma kellu l-ebda skuza li d-decizjoni msemmija ma kinitx ghad-disposizzjoni tieghu.

Dan premess, nigu issa ghall-ezami ta' dan il-punt fid-dawl tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) deciza nhar it-23 ta' Novembru, 2020. Minn qari ta' din id-decizjoni jirrizulta li l-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-decizjoni tal-Prim'Awla b'referenza ghat-tpacija tal-ammont ta' €1,400 fejn iddecidiet li dan l-ammont ghandu jigi mnaqqas mill-bilanc ta' arretrati ta' kera dovuti minn Uni-Que Catering Limited lill-Island Farmhouses Limited. Hekk gie ritenut fil-punt bin-numru 46 tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) illi:

> '46. Id-depożitu fil-fatt ma kienx intiż biex ikopri t-teħid ta' fixtures, pero' l-attur qed jippretendi li d-depożitu kellu jagħmel tajjeb għall-ħsarat li rriżultaw bħala konsegwenza tat-teħid tal-fixtures. Jiġi osservat pero', li din il-pretenzjoni tal-attur dwar l-allegati ħsarat lanqas biss inkludiha fir-rikors ġuramentat tiegħu. Fi kwalunkwe każ ma ressaq l-ebda prova dwar il-kwantum tad-danni allegatament ikkaġunati bit-teħid tal-imsemmija fixtures. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti jidhrilha li kienet korretta l-ewwel Qorti meta naqqset id-depożitu kollu ta' €1,400 mill-bilanċ ta' arretrati ta' kera. Issa ladarba, kif fuq spjegat, din il-Qorti waslet għall-ammont ta' €4,035 bħala bilanċ ta' arretrati ta' kera, bit-tnaqqis ta' €1,400, dan iwassal għall-ammont ta' €2,905.'

Naturalment la darba l-ammont ta' €1,400 gie mnaqqas mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) bhala tpacija kif fuq inghad, isegwi li l-ammont ta' €1,400 m'ghandux jerga' jigi rifuz bil-kawza odjerna. Il-Qorti ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti ser tghaddi sabiex tilqa' dan l-ewwel aggravju.

**11. It-Tieni aggravju tas-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited:**

Permezz tat-tielet aggravju taghha, is-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited issostni li l-konteggi tas-socjeta' appellata Uni-Que Catering Limited fil-mertu ma' jaghmlux sens u ma kellhomx jintlaqghu, sija matematikament u sija fil-fatt u fid-dritt.

Ilment tal-konteggi zbaljati mis-socjeta' appellata fl-avviz:

Is-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited targumenta li s-socjeta' appellata ghamlet konteggi zbaljati fl-avviz. Targumenta li meta s-socjeta' appellanti ghamlet it-total tal-ammonti minn 3 (i) sa 3 (iv) dawn gew jammontaw ghas-somma ta' €6,370.10, li meta gie diminwit l-ammont ta' €2,926.40 (bi tpacija ta' kera li kienet ghadha dovuta) ir-rizultat tal-ammont dovut jigi dak ta' €3,443.70. Targumenta li l-ammont indikat ma jirriflettix ukoll it-tnaqqis tal-ammont indikat fil-paragrafu 3(iii) li jirreferi ghall-ammont ta' €802.40 li jirrapprezentaw spejjez ta' canopy u spejjez inkorsi ghalxejn, hekk kif iddikjarat fl-istess avviz.

Illi l-Qorti tinnota li l-izball fil-konteggi ma sarx da parti tas-socjeta' appellata Uni-Que Catering Limited pero' da parti tas-socjeta' appellanti Island Farmhouses Limited. Dan peress li meta s-socjeta' appellanti Island Farmhouses Ltd kienet qieghda taghmel il-konteggi taghha jirrizulta li qabzet il-punt immarkat bin-numru ruman iii. indikat bhala '*iii. €2125.87 – spejjez inkorsi mill-attrici sabiex iddahhal servizz ta' dawl u ilma fil-fond mikri lilha*' u minflok bidlitu bil-punt immarkat bin-numru ruman iv. li jaghmel referenza ghal '*iv. €802.40 – spejjez ta' Canopy mizmuma mill-konvenuta fi tmiem il-kirja u spejjez li saru ghalxejn minhabba agir tal-konvenuta*'. Konsegwenza ta' dan l-izball is-socjeta' appellanti ma setghet qatt tasal ghar-rizultat it-tajjeb minn fejn jirrizulta li saret diminuzzjoni ta' zewg ammonti u mhux wiehed kif allegat minnha. Ir-rizultat kellu jkun is-segwenti:

(i) €1,400 – depozitu;

(ii) €2,478 – spejjez ta' bibien;

(iii) €2,125.87 – spejjez ghall-installazzjoni ta' dawl u ilma;

(iv) €802.40 – spejjez ta' canopy;

(v) €1,689.70 – spejjez ta' hood.

**Total - €8,495.97**

Mit-total irid jigi mnaqqas (a) l-ammont ta' €2,926.40 tnaqqis bi tpaccija ta' arretrati ta' kera, u, (b) l-ammont ta' €2,125.87 tnaqqis stante li gie rimborsat mill-ARMS Ltd.

Total - €8,495.97 –

€2,926.40

€2,125.87

**€3,443.70**

Kif jirrizulta bic-car m'huwiex minnu li saru konteggi zbaljati da parti tas-socjeta' appellanti fl-avviz u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tal-aggravju.

Ilment relatat mal-canopy u l-hood:

Illi s-socjeta' appellanti Island Farmhouses Ltd b'referenza ghall-canopy u l-hood jigi nnutat li ma taghmilx distinzjoni pero' tirreferi ghalihom daqs li kieku huma l-istess haga. Targumenta illi l-canopy *ossia* hood ghandha titqies bhala benefikat u ghalhekk ta' natura fissa b'dan li m'hemmx dritt ta' kumpens. *Dato ma non concesso* li l-Qorti tiddeciedi li dik hija haga mobbli u ghalhekk is-socjeta' appellanti kellha dritt li tohodha lura, legalment ma kellhiex dritt li titlob rifuzjoni pero' kellha dritt ghall-oggett innifsu. Fil-kaz li jirrizulta li s-socjeta' appellanti ddisponiet mill-oggett li s-socjeta' appellata kellha dritt titlob ghar-

rifuzzjoni. Tghid ukoll li s-socjeta' appellata la talbet il-canopy u lanqas gabet prova tal-valur taghha.

Illi Dr Franco Galea ghas-socjeta' appellata Uni-Que Catering Ltd waqt it-trattazzjoni li saret fl-10 ta' Marzu, 2021 spjega d-distinzjoni li tezisti bejn l-canopy li hija t-tinda u l-hood li huwa l-forn.

Illi fl-ewwel lok jinghad li din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tas-socjeta' appellanti Island Farmhouses Ltd li 'canopy' u 'hood' huma l-istess oggett. Fit-tieni lok lanqas ma hu minnu li prova tal-valur tal-'canopy' u tal-'hood' ma ngabux fl-atti. Fl-atti a fol. 51 tal-process giet esebita kopja tal-invoice bin-numru 125 mahruga minn Stainless Structures ta' '*Ducting for canopy made from galvanized sheet 1.5mm bended and fitted on site*' ghall-ammont ta' €802.40. Imbaghad a fol. 87 tal-process giet esebita kopja tal-invoice bin-numru 70802 mahruga minn ECB Hotel & Catering Equipment Ltd ta' hood, 4 filters, lighting fixture u speed controller ghall-ammont ta' €1,689.70.

Dan premess dwar l-ilment li l-canopy/hood (kif imsejha mis-socjeta' appellanti) huma benefikati, kif ukoll li s-socjeta' appellanti kellha titlob li tiehu l-oggett u mhux li tigi rimborsata, il-Qorti tirrileva li eccezzjoni f'dan is-sens ma tressqitx quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Ikkunsidrat li Qorti tal-Appell ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghall-motiv iehor gravi, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din il-parti tal-aggravju.

<u>Ilment relatat mal-bibien:</u>

Illi s-socjeta' appellanti Island Farmhouses Ltd tressaq ukoll ilment relatat mal-bibien. Targumenta li l-Prim'Awla ma accettatx il-verzjoni ta' Island Farmhouses u kkonkludiet li kienet is-socjeta' appellanti Island Farmhouses Ltd li kellha taghmel il-bibien. Targumenta wkoll li hija ghamlet hlas ta' €1,380 rapprezentanti nofs il-valur tal-bibien – ammont li ma giex kontestat mill-kontro-parti li izda t-Tribunal ma hax kont tieghu fil-konteggi tieghu kontenuti fid-decizjoni appellata.

Illi dwar dan l-ilment fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet inversi nghad kif isegwi:

**'(b) Dwar il-bibien interni**

52. Is-soċjeta' konvenuta flimkien mar-risposta ġuramentata tagħha esebiet kopja ta' fattura maħruġa minn Bieffe Doors (Dok UQ19)[17] datata 04.06.2010 fl-ammont ta' €2,478 u spjegat li din tirreferi għall-bibien tal-fond li ħallset hi, u li kellha tħallashom is-soċjeta' attriċi. Aktar 'il quddiem esebiet Dok UQ37[18] li huwa riċevuta fiskali datata 04.06.2010 intestat fuq isimha fl-ammont ta' €1239 relattiva għal "*2 interior door*(s)".

53. L-attur xehed[19] li huwa kellu jagħmel l-artijiet bil-madum u l-bibien ta' barra u li s-soċjeta' attriċi kellha tagħmel il-kumplament tax-xogħlijiet hi.

*"Jien għamiltu dan ix-xogħol kollu, insomma għalaqtlu u għamiltlu l-madum u wara ġew qaluli biex inħallas nofs l-ispejjeż tal-bibien ta' ġewwa, u jiena aċċettajt u ħallst nofs l-ispejjeż tal-bibien ta' ġewwa."*

Kontro-eżaminat qal li:

*"Tal-bibien ħallasthom ċekk 1,380 fis-2nd June, taħulhom it-tifel tiegħi Jason Vella lil Massimo fil-ħanut, kien ċekk li jiena kont tħallast mingħand iċ-Chamber College ta' 1,380 fil-fatt dovut kien 1,350 billi ċ-ċekk kien 1,380 it-€30 qatt ma tawhomli lura."*

54. Jason Vella[20] fil-fatt ikkonferma li kien mar jagħtihom iċ-ċekk: "*Iva, dak kont mort tajthom ċekk miċ-Chamber College ta' 1,380 bħala ħlas tal-*

[17] Fol 50

[18] Fol 122

[19] Xiehda tal-14.05.2012, fol 71 et seq

[20] Xiehda tal-14.05.2012, fol 86 et seq

*pagament li kellu jagħtihom missieri.....Kien ta' ħlas ta' li kellu jagħtihom....Tal-bibien."*

55. Massimo Borg[21] mis-soċjeta' konvenuta xehed li l-bibien kellhom

isiru mis-soċjeta' attriċi u li huma ma kellhom joħorġu xejn. Qal li ħallsu nofs biex aġevolaw lill-attur peress li dak iż-żmien kellu problema ta' flus. Huwa xehed hekk:

"*Mela l-ftehim mas-sur Vella fil-bidu kien li jħallas il-bibien tal-post. Mela aħna kellna noħorġu nofs l-ispejjeż tal-bibien għax kellu problema ta' cashflow, tant hu hekk li ċ-ċekk ġie mingħand terzi persuni u nivverifika li vera ġie minn terzi persuni biex iħallas nofs il-bibien li konna mifthemin. Issa l-ftehim kien li kif noħorġu mill-post iħallas l-ispejjeż li konna ħriġna aħna.*"

56. George Borg mis-soċjeta' konvenuta[22] ikkonferma li l-attur kien ħareġ nofs għall-bibien għax "*kien batut fil-cashflow*", iżda bl-intiża li meta joħorġu jagħtihom il-kumplament.

57. L-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li huwa probabbli li l-bibien interni kellhom isiru mill-attur u li s-soċjeta' konvenuta ħadet l-inizjattiva li tagħmilhom hi sabiex tkun tista' tibda topera. Għalhekk ikkonkludiet li l-attur ma ressaqx il-prova sal-grad rikjest mil-liġi li kellu xi jedd għal rimbors tal-ispiża tal-bibien interni.

58. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba tali konklużjoni. Jekk il-ftehim kien li l-bibien kellhom isiru mis-soċjeta' konvenuta, verament ma jagħmilx sens li s-soċjeta' konvenuta titlob lill-attur iħallas nofs (li huwa fil-fatt ħallas). Wara li qieset iż-żewġ verżjonijiet, din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti jidhriliha li hija iktar verosimili l-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta li l-bibien interni kellhom isiru mis-soċjeta' attriċi, u li għalhekk ma jidhrilhiex li

[21] Xiehda tat-23.05.2013, fol 135 et seq

[22] 23.05.2013, fol 105 et seq

għandha dritt titlob xi rimbors.'

Illi jirrizulta mis-suespost u mill-atti allura li verament mhux kontestat li l-intimata appellanti hallset is-somma ta' €1,380 fuq il-bibien u dan gie wkoll rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' rikorrenti appellata Uni-Que Catering Ltd. esebiet prova ta' hlas ghas-somma ta' €1,239 (cioe' nofs is-somma reklamata tal-valur tal-bibien kollha) u mhux aktar, ghalhekk it-talba ghall-hlas ta' bibien fis-somma ta' €2,478 verament m'hijiex gjustifikata izda huwa biss gjustifikat li l-intimata appellanti Island Farmhouses Ltd tigi ordnata thallas is-somma ta' €1,239. F'dan is-sens il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' in parti dan l-aggravju.

**12. Ammont dovut:**

(i) €1,400 (depozitu) + (ii) €2,478 (spejjez ta' bibien) + (iii) €2,125.87 (spejjez ghall-installazzjoni ta' dawl u ilma) + (iv) €802.40 (spejjez ta' canopy) +(v) €1,689.70 (spejjez ta' hood) = Total - €8,495.97

€8,495.97 - €2,926.40 (arretrati ta' kera)[23] - €2,125.87 (ammont rimborsat mill-ARMS Ltd.) = Total €3,443.70.

€3,443.70 - €1,400 (l-ewwel aggravju tal-appell) - €1,239 (it-tieni aggravju tal-appell in parte) = Total dovut mill-intimata €804.70.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w' tiddeciedi dan l-appell billi tilqa' limitatament l-aggravji tal-appellanti Island Farmhouses Ltd kif suespost u tirrevoka, thassar u tannulla d-decizjoni appellata f'dik il-parti fejn laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti appellata Uni-Que Catering Ltd u ordnat lis-socjeta' appellanti thallas is-somma ta' €3,443.70 u tvarjaha billi tordna

---

[23] Il-Qorti tirrileva li fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell gie deciz li l-arretrati kienu jammontaw ghas-somma ta' €2905 u mhux €2926.40 izda l-Qorti hija prekluza milli tiehu kont tad-differenza altrimenti tkun qed tmur oltre dak mitlub mis-socjeta' rikorrenti fl-Avviz tat-Talba).

li s-somma dovuta mis-socjeta′ ntimata Island Farmhouses Ltd. lis-socjeta′ Uni-Que Catering Ltd. hija dik ta′ €804.70 .

Bl-ispejjez kollha tal-istanza shiha tal-appell ghandhom jigu sopportati 2/3 mis-socjeta′ Uni-Que Catering Ltd. u 1/3 mis-socjeta′ Island Farmhouses Ltd. L-ispejjez gia decizi jibqghu invarjati. Bl-imghax dovuti mid-data ta′ din id-decizjoni.

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**